

Brussell, 9 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0004 (COD)

9926/17
ADD 1

SOC 460
EMPL 355
SAN 230
IA 97
CODEC 973

RAPPORT

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9045/17 SOC 325 EMPL 244 SAN 189 IA 82 CODEC 781
Nru dok. Cion:	ST 5251/17 SOC 12 EMPL 8 SAN 24 IA 4 CODEC 32
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' test ta' kompromess dwar il-proposta ta' hawn fuq bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill (EPSCO) fil-15 ta' Ġunju 2017.

Ir-rapport lill-Kunsill jinsab fid-dokument 9926/17.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153(2)(b), flimkien mal-Artikolu 153(1)(a), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,¹

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C , , p.

² ĠU C , , p.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... [(ĠU ...)/(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2004/37/KE għandha l-għan li tipproteġi l-ħaddiema minn riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' tagħhom relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol. Dik id-Direttiva tipprevedi livell konsistenti ta' protezzjoni mir-riskji relatati ma' karċinoġeni jew mutaġeni permezz ta' qafas ta' prinċipji ġenerali li jippermetti li l-Istati Membri jiżguraw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi b'mod konsistenti. Il-valuri limitu vinkolanti ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol stabbiliti abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika, huma komponenti importanti tal-arranġamenti ġenerali għall-protezzjoni tal-ħaddiema stabbiliti minn dik id-Direttiva.
- (1a) Il-valuri limitu ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol huma parti mill-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju skont id-Direttiva 2004/37/KE. Il-konformità ma' dawk il-valuri limitu hija mingħajr preġudizzju għal obbligi oħrajn tal-impjegaturi skont dik id-Direttiva, b'mod partikolari t-tnaqqis fl-użu ta' karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għal karċinoġeni jew mutaġeni u miżuri li jenħtieġ li jiġu implimentati għal dak l-għan. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jinkludu, sa fejn ikun teknikament possibbli, is-sostituzzjoni tal-karċinoġenu jew il-mutaġenu b'sustanza, taħlita jew proċess li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż għas-saħħa tal-ħaddiem, l-użu ta' sistema magħluqa jew miżuri oħrajn li jkollhom l-għan li jnaqqsu kemm jista' jkun il-livell tal-espożizzjoni tal-ħaddiema.
- (1ab) Ir-rekwiżiti minimi mniżżlin fid-Direttiva 2004/37/KE għandhom l-għan li jipproteġu l-ħaddiema fil-livell tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti vinkolanti ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol u miżuri protettivi oħra li jkunu aktar stretti.

- (1b) Għall-maġġoranza tal-karċinoġeni jew tal-mutaġeni mhuwiex xjentifikament possibbli li jiġu stabbiliti livelli ta' espożizzjoni li taħthom l-espożizzjoni ma twassalx għal effetti negattivi. Filwaqt li l-istabbiliment tal-valuri limitu fuq il-post tax-xogħol fir-rigward ta' karċinoġeni jew mutaġeni skont din id-Direttiva ma jeliminax kompletament ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jirriżultaw minn espożizzjoni għalihom fuq ix-xogħol (riskju residwu), madankollu dan jikkontribwixxi għal tnaqqis sinifikanti ta' riskji li jirriżultaw minn tali espożizzjoni fl-approċċ gradwali u bbażat fuq l-istabbiliment tal-oġettivi l-miri skont id-Direttiva 2004/37/KE. Għal karċinoġeni jew mutaġeni oħrajn, huwa xjentifikament possibbli li jiġu identifikati livelli ta' espożizzjoni li taħthom l-espożizzjoni ma tkunx mistennija twassal għal effetti negattivi.
- (1c) Il-livelli massimi ta' espożizzjoni tal-ħaddiema għal xi karċinoġeni jew mutaġeni huma stabbiliti minn valuri limitu li skont id-Direttiva 2004/37/KE ma għandhomx jinqabżu. Jenħtieġ li daww il-valuri limitu jiġu riveduti u jiġu stabbiliti valuri limitu għal karċinoġeni jew mutaġeni addizzjonali.
- (1d) Jenħtieġ li l-valuri limitu stabbiliti f'din id-Direttiva jiġu riveduti meta jkun meħtieġ fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni, jekk ikun possibbli, tinkludi data dwar riskji residwi għas-saħħa tal-ħaddiema u opinjonijiet tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. L-informazzjoni relatata mar-riskju residwu, li ssir disponibbli għall-pubbliku fil-livell tal-UE, hija siewja għall-ħidma futura biex tillimita r-riskji mill-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq ix-xogħol, inkluż għal reviżjonijiet futuri tal-valuri limitu stabbiliti f'din id-Direttiva.
- (1e)(ġdid) Għal xi karċinoġeni mingħajr valur limitu mhuwiex possibbli li jiġi dderivat valur limitu ta' espożizzjoni ibbażat fuq is-saħħa, madankollu xorta huwa possibbli li jiġi stabbilit valur limitu għal dawn is-sustanzi bbażat fuq l-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika.
- (2) Sabiex jiġi żgurat l-aħjar livell possibbli ta' protezzjoni, għal xi karċinoġeni u mutaġeni jeħtieġ li jiġu kkunsidrati modi oħra ta' assorbiment, inkluż il-possibbiltà ta' assorbiment mill-ġilda.

- (3) Il-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol ("il-Kumitat"), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/113/UE⁴, jassisti b'mod partikolari lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-aħħar data xjentifika disponibbli u billi jipproponi valuri limitu ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol għall-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji kimiċi, li skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE⁵ u d-Direttiva 2004/37/KE għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Ġew ikkunsidrati wkoll sorsi oħra ta' informazzjoni xjentifika, adegwatament sodi u fl-isfera pubblika, inkluż dawk imsemmija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-Impatt *li takkumpanja d-dokument* Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (SWD(2017)7 final).
- (4) F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat, fejn disponibbli, ġew stabbiliti valuri limitu għall-espożizzjoni permezz tal-inalazzjoni b'rabta ma' perjodu ta' referenza tal-medja kkunsidrata fil-funzjoni tal-ħin ta' tmien sigħat (valuri limitu ta' espożizzjoni fit-tul) u, għal ċerti karċinoġeni jew mutaġeni, għal perjodi ta' referenza iqsar, b'mod ġenerali l-medja kkunsidrata fil-funzjoni tal-ħin ta' ħmistax-il minuta (valuri limitu ta' espożizzjoni għal ħin qasir). In-notazzjonijiet "ġilda" ġew stabbiliti wkoll f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/113/UE tat-3 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol u li tħassar id-Deċiżjoni 95/320/KE (ĠU L 62, 4.3.2014, p. 18).

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, tal-05.05.1998, p. 11).

- (5) Hemm biżżejjed evidenza tal-karċinoġeniċità taż-żjut minerali li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrifikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna. Dawk iż-żjut tal-magna użati huma ġġenerati minn proċess u, għalhekk, mhumienx soġġetti għal klassifikazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Il-Kumitat identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda għal dawn iż-żjut, iġvaluta li l-espożizzjoni fuq ix-xogħol isseħħ permezz tar-rotta kutanja u rrakkomanda ferm li tiġi stabbilita notazzjoni "ġilda". Firxa tal-aħjar Prattiki jistgħu jintużaw biex jillimitaw l-espożizzjoni tal-ġilda, inkluż fost affarijiet oħra, l-użu ta' tagħmir għall-protezzjoni personali bħal ingwanti, u t-tneħħija u t-tindif ta' lbies ikkontaminat. L-osservanza sħiħa ta' dawn, u tal-aħjar Prattiki ġodda li jinħolqu, tista' tgħin biex tonqos din l-espożizzjoni. Għaldaqstant, jixraq li jiġi inkluż xogħol li jinvolvi espożizzjoni għal żjut li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrifikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna fl-Anness I għad-Direttiva 2004/37/KE u li tiġi stabbilita notazzjoni "ġilda" fil-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.
- (6) Ċerti taħlitiet ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs), b'mod partikolari dawk li fihom il-benzo[a]piren, jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanzi karċinoġeniċi (tal-kategorija 1A jew 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huma karċinoġeni kif definiti fid-Direttiva 2004/37/KE. L-espożizzjoni għal tali taħlitiet tista' sseħħ matul ix-xogħol li jinvolvi proċessi ta' ħruq, bħal mill-egżost ta' magna b'kombustjoni, u proċessi ta' kombustjoni b'temperatura għolja, fost oħrajn. Il-Kumitat identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda għal dawn it-taħlitiet. Għaldaqstant, jixraq li tiddaħħal notazzjoni "ġilda" fil-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

- (7) It-trikloroetilene jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (il-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. Il-Kumitat identifika t-trikloroetilene bħala karċinoġenu ġenotossiku. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li tinkludi data xjentifika u teknika, huwa possibbli li jiġu stabbiliti valuri limitu għat-trikloroetilene b'rabta ma' perjodu ta' referenza tal-medja kkunsidrata fil-funzjoni tal-ħin ta' tmien sigħat (valuri limitu fit-tul), u perjodu ta' referenza tal-medja kkunsidrata fil-funzjoni tal-ħin ta' ħmistax-il minuta (valuri limitu ta' espożizzjoni għal ħin qasir). Għal dan il-karċinoġenu, il-Kumitat identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda. Għaldaqstant, jixraq li jiġu stabbiliti valuri limitu ta' espożizzjoni fit-tul u għal ħin qasir għat-trikloroetilene fil-Parti A tal-Anness III u li tiddaħħal notazzjoni "ġilda" fil-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda. Fid-dawl tal-evidenza xjentifika li tevolvi, il-valuri limitu għal din is-sustanza ser jinżammu taħt rieżami partikolarment mill-qrib.
- (8) 4,4'-Metilendianilina (MDA) tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala sustanza karċinoġenika (il-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk hija karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. Il-Kumitat ikkonkluda li mhuwiex possibbli li jiġi dderivat valur limitu ta' espożizzjoni ibbażat fuq is-saħħa għal dan il-karċinoġenu mingħajr valur limitu. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li tinkludi data xjentifika u teknika, għadu possibbli, madankollu, li jiġi stabbilit valur limitu għal 4,4'-Metilendianilina. Għal dan il-karċinoġenu, il-Kumitat identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit valur limitu fil-Parti A tal-Anness III għal 4,4'-Metilendianilina u li tiddaħħal notazzjoni "ġilda" fil-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.

- (9) L-epikloridrina (1-kloro-2,3-epossipropan) tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (il-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk hija karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. Il-Kumitat ikkonkluda li mhuwiex possibbli li jiġi dderivat valur limitu ta' espożizzjoni ibbażat fuq is-saħħa għal dan il-karċinoġenu mingħajr valur limitu. Għall-epikloridrina, il-Kumitat identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li tinkludi data xjentifika u teknika, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ("ACSH") qabel dwar valur limitu prattiku. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit valur limitu għall-epikloridrina fil-Parti A tal-Anness III u li tiddaħħal notazzjoni "ġilda" fil-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.
- (10) Id-dibromur tal-etilene (1,2-dibromoetan, EDB) jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (il-kategorija 1B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. Il-Kumitat ikkonkluda li mhuwiex possibbli li jiġi dderivat valur limitu ta' espożizzjoni ibbażat fuq is-saħħa għal dan il-karċinoġenu mingħajr valur limitu. Għad-dibromur tal-etilene, il-Kumitat identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li tinkludi data xjentifika u teknika, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ("ACSH") qabel dwar valur limitu prattiku. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit valur limitu għad-dibromur tal-etilene fil-Parti A tal-Anness III u li tiddaħħal notazzjoni "ġilda" fil-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.

- (11) Id-diklorur tal-etilene (1,2-dikloroetan, EDC) jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniku (il-kategorija 1 B) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għalhekk huwa karċinoġenu kif definit fid-Direttiva 2004/37/KE. Il-Kumitat ikkonkluda li mhuwiex possibbli li jiġi dderivat valur limitu ta' espożizzjoni ibbażat fuq is-saħħa għal dan il-karċinoġenu mingħajr valur limitu. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż data xjentifika u teknika, għadu possibbli, madankollu, li jiġi stabbilit valur limitu għad-diklorur tal-etilene. Għad-diklorur tal-etilene, il-Kumitat identifika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit valur limitu għad-diklorur tal-etilene fil-Parti A tal-Anness III u li tiddaħħal notazzjoni "ġilda" fil-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE li tindika l-possibbiltà ta' assorbiment sinifikanti mill-ġilda.
- (12) Sabiex tiġi żgurata koerenza interna, jixraq li l-kolonna "Notazzjoni" li tinsab fil-Parti A tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE u n-notazzjonijiet li jinsabu f'dik il-kolonna jiġu ttrasferiti għall-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE.
- (13) Il-Kummissjoni kkonsultat il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003. Hija għamlet ukoll konsultazzjoni f'żewġ stadji mas-sħab soċjali Ewropej f'konformità mal-Artikolu 154 TFUE.
- (14) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tagħha.

- (15) Il-valuri limitu stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom jinżammu taħt reviżjoni fid-dawl tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE⁷ u l-opinjoni jiet tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju (RAC) tal-ECHA u tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC), b'mod partikolari sabiex tiġi kkunsidrata l-interazzjoni bejn il-valuri limitu stabbiliti fid-Direttiva 2004/37/KE u r-relazzjonijiet bejn id-doża u l-effett, l-informazzjoni dwar l-espożizzjoni proprja, u fejn disponibbli, id-DNELs (Livelli Derivati ta' Bla Effett) derivati għal sustanzi kimiċi perikolużi f'konformità ma' dak ir-Regolament.
- (16) Billi l-oġġettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u li tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema minn riskji speċifiċi li jirriżultaw mill-espożizzjoni għall-karċinoġeni u l-mutaġeni, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat fl-Artikolu 5(4) TUE, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi.
- (17) Peress li din id-Direttiva tikkonċerna s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom, jenħtieġ li l-iskadenza għat-traspożizzjoni tkun ta' sentejn.
- (18) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 2004/37/KE tiġi emendata kif meħtieġ.

⁷ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

- (19) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni⁸, l-Istati Membri impenjaw rwieħhom li, f'każijiet ġustifikati, man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom jehmżu dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġġustifikata.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2004/37/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

- (1) Fl-Anness I għandu jiżdied dan il-punt:

"Xogħol li jinvolvi l-espożizzjoni tal-ġilda għal żjut minerali li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrifikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna".

- (2) L-Anness III għandu jiġi emendat skont l-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex tinkiseb konformità mad-Direttiva sa mhux iktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir dik ir-referenza.

⁸ ĠU 369, 17.12.2011, p.14

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

Fil-Parti A tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE għandhom jizziedu l-entrati li ġejjin:

Nru tas-SAK ⁽⁹⁾	Nru tal-KE ⁽¹⁰⁾	ISEM TAL-AĠENT	VALURI LIMITU						MIŻURI TRANSIZZJONALI
			8 sigħat ⁽¹¹⁾			Ħin qasir ⁽¹²⁾			
			mg/m ³ (¹³)	ppm (¹⁴)	f/ml(¹⁵)	mg/m ³	ppm	f/ml	
79-01-6	201-167-4	Trikloroetilene	54,7	10	—	164,1	30	—	
101-77-9	202-974-4	4,4'-Metilendianilina	0,08	—	—	—	—	—	

⁹ Nru tas-SAK: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

¹⁰ In-Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

¹¹ Imkejla jew kkalkulati b'rabta ma' perjodu ta' referenza tal-medja kkunsidrata fil-funzjoni tal-ħin ta' tmien sigħat (TWA).

¹² Limitu ta' espożizzjoni għal ħin qasir (STEL). Valur limitu li 'l fuq minnu ma għandux ikun hemm espożizzjoni u li huwa relatat ma' perjodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

¹³ mg/m³ = milligrammi fil-metru kubu tal-arja b'20°C u 101,3 KPa (pressjoni tal-merkurju ta' 760 mm).

¹⁴ ppm = partijiet fil-miljun b'volum fl-arja (ml/m³).

¹⁵ f/ml = fibri fil-millilitru.

Nru tas- SAK (⁹)	Nru tal- KE (¹⁰)	ISEM TAL-AĠENT	VALURI LIMITU						MIŻURI TRANSIZZJON ALI
			8 sghat(¹¹)			Ħin qasir (¹²)			
			mg/m ³ (¹³)	ppm (¹⁴)	f/ml(¹⁵)	mg/m ³	ppm	f/ml	
106-89-8	203-439-8	Epikloridrina	1,9	—	—	—	—	—	
106-93-4	203-444-5	Dibromur tal-etilene	0,8	0,1	—	—	—	—	
107-06-2	203-458-1	Diklorur tal-etilene	8,2	2	—	—	—	—	

Il-Kolonna "Notazzjoni" fil-Parti A tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE u n-notazzjonijiet li jinsabu f'dik il-kolonna huma ttrasferiti għall-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KE.

Fil-Parti B tal-Anness III għad-Direttiva 2004/37/KEE, għandhom jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Nru tas-SAK ⁽¹⁶⁾	Nru tal-KE ⁽¹⁷⁾	ISEM TAL-AĠENT	Notazzjoni ⁽¹⁸⁾
—	—	Taħlitiet ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi li fihom il-benzo[a]piren, li huma karċinoġeni skont it-tifsira tad-Direttiva	ġilda
	—	Żjut minerali li qabel intużaw f'magni b'kombustjoni interna biex jillubrikaw u jberrdu l-partijiet li jiċċaqilqu fil-magna	ġilda
71-43-2	200-753-7	Benżen	ġilda
79-01-6	201-167-4	Trikloroetilene	ġilda
101-77-9	202-974-4	4,4'-Metilendianilina	ġilda
106-89-8	203-439-8	Epikloridrina	ġilda
106-93-4	203-444-5	Dibromur tal-etilene	ġilda
107-06-2	203-458-1	Diklorur tal-etilene	ġilda

¹⁶ Nru tas-SAK: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

¹⁷ In-Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

¹⁸ Kontribuzzjoni sostanzjali għal piż totali tal-ġisem mill-espożizzjoni tal-ġilda possibbli.